# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 477/14/1 GM**

**Maria Patricia u Joseph konjuġi Pace**

**v.**

**Helen Muscat, Nicholas Muscat, Mario Muscat, Maria Stella Debono, Rita Spiteri u Carmen Vella u b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2023 l-atti ta' Helen Muscat ġew trasfużi f'isem Maria Carmela Vella, Maria Stella Debono, Nicholas Muscat, Rita Spiteri u Mario Muscat stante l-mewt tagħha fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti, minn deċiżjoni finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Mejju, 2019, li permezz tagħha laqgħet it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-

konvenuti bħala werrieta ta' Nicolina Muscat sabiex iħallsu lill-istess atturi l-ammont ta' €48,796 bħala kumpens għal serviġi mwettqa mill-atturi fil-konfront ta' Nicolina Muscat, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż ibatuhom il-konvenuti.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-2 ta' Ġunju, 2014, l-atturi fissru li huma rrendew lil Nicolina Muscat diversi serviġi għal wieħed u għoxrin sena u dan sad-data tal-mewt tagħha. Jgħidu li huma saħansitra ġarrbu telf materjali, u minkejja li Nicolina Muscat dejjem wegħdiethom li kienet se tħallashom ta' dawn is-serviġi, ġew imqarrqa minnha tul ħajjitha billi ma ngħataw ebda ħlas.

3. L-atturi jissoktaw jgħidu li Nicolina Muscat mietet fit-3 ta' Diċembru, 2012 u ħalliet bħala eredi tagħha lill-konvenuti, li minkejja li sejħulhom permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jitħallsu ta' dawn is-serviġi, huma baqgħu ma tħallsux.

4. Minħabba f'hekk fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi l-atturi rrendew serviġi u ħarġu saħansitra flus in konnessjoni ma tali serviġi;*
>
> *2. Tiddikjara illi l-atturi jistħoqqilhom suppliment skont il-liġi għal tali serviġi inkluz r-rifużjoni tal-flejjes illi ħarġu huma għal Nicolina Muscat;*

*3. Tillikwida l-kumpens dovut għall-istess serviġi reżi kif fuq intqal;*

*4. Tikkundanna lill-konvenuti bħala werrieta ta' Nicolina Muscat sabiex iħallsu in linea ta' serviġi dak il-kumpens li ġie hemm likwidat.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 9 ta' April, 2014 u bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali, u minn issa qed jibqgħu inġunti in subizzjoni.»*

5. Il-konvenuti wieġbu fit-8 ta' Lulju, 2014 b'risposta maħlufa fejn eċċepew:

*«1.Illi preliminarjament it-talbiet attriċi huma in parti preskritti a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili kap 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, 1984.*

*2. Illi bla preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimati kienu dejjem mal-mejta u qatt ma ltaqgħu jew raw lir-rikorrenti viċin il-mejta wisq anqas jipprestawlha serviġi.*

*3. Illi bla preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kwalsiasi serviġi reżi, li kienu mill-aktar minimi, ġew diġà adegwament kompensati.*

*4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. B'sentenza finali mogħtija nhar is-7 ta' Mejju, 2019 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

*«(1) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni;*

*(2) Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn;*

*(3) Tiddikjara li l-atturi rrendew serviġi u għamlu spejjeż a benefiċċju ta' Nicolina Muscat li għalihom jistħoqqilhom kumpens;*

*(4) Tillikwida l-kumpens fis-somma ta' €48,796;*

*(5) Tikkundanna lill-konvenuti bħala werrieta ta' Nicolina Muscat biex iħallsu lill-atturi s-somma ta' €48,796 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-09.04.2014 a kariku tal-*

*konvenuti.»*

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

> *«Illi l-konvenuti jibdew id-difiża tagħhom billi jeċepixxu l-preskrizzjoni ta' ħames snin a tenur tal-Artiklu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jgħidu li, "kwalsiasi serviġi reżi, li kienu mill-iktar minimi, ġew diġà adegwament kompensati". Din hija ammissjoni li xi serviġi saru, għalkemm il-konvenuti ma jaqblux fuq l-entità tagħhom; u li dawn tħallsu. Eċċezzjoni bħal din mhix kompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Għalxejn tingħata "bla preġudizzju għas-suespost";*
>
> *Illi fi kwalunkwe każ, anke kieku kellha xorta waħda tiġi kkunsidrata l-ewwel eċċezzjoni, din taqa' billi kien hemm l-interruzzjoni tagħha: Nicolina Muscat kienet twiegħed lill-atturi li kienet sejra tikkumpenshom wara mewtha. Diskors li baqgħet tgħid sal-aħħar żmien ta' ħajjitha: " tali dikjarazzjoni u wegħda da parti tal-benefiċjarja… isservi wkoll bħala interruzzjoni għall-preskrizzjoni…"*[1]
>
> *Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni, il-konvenuti jsostnu li huma "kienu dejjem mal-mejta u qatt ma ltaqgħu jew raw lir-rikorrenti viċin il-mejta u wisq inqas jipprestawlha serviġi."*
>
> *Illi meta jsiru allegazzjonijiet ta' serviġi li jkunu saru ma' persuna mejta, il-Qrati dejjem jużaw ċerta kawtela, billi bosta drabi f'każijiet bħal dawn wieħed ikollu joqgħod fuq dak li jgħid l-attur. F'dan il-każ iżda l-Qorti għandha l-konfort ta' korroborazzjoni sħiħa minn xhieda indipendenti dwar ċerti aspetti tas-serviġi allegatament reżi, u dwar l-intimità stretta tal-attriċi ma' Nicolina Muscat, kif ukoll mal-konsistenza tax-xhieda tagħha, li ma ġiet bl-ebda mod kontradetta, kif ukoll mal-verosimiljanza tagħha:*
>
> > *(1) għadd ta' ħbieb u kollaboraturi ta' Nicolina Muscat telgħu jixhdu dwar ċerti dettalji familjari tagħhom li l-attriċi kienet taf u li verosimilment saret tafhom mingħand Nicolina Muscat: Evelyn Arrigo Azzopardi, Waldemar Beck (President tal-Għaqda Persuni Neqsin mid-Dawl li tagħha Nicolina kienet membru),*
> >
> > *(2) Natalizia Sammut, li kienet tassisti lil Nicolina Muscat f'darha għal kważi 15-il sena, semmiet li saru diversi xogħlijiet fid-dar ta' Nicolina minn persuna li kienet taħdem il-Mid-Med Bank - preżumibilment l-attur. Il-konvenut Nicholas Muscat semma*

---

[1] Ara ***Arapa v. Galdes***, deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Marzu, 1982, u ***Bonavia v. Attard*** deċiża wkoll minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru, 1994 iċċitati minn din il-Qorti (ippreseduta mill-Onor. Imħallef Tonio Mallia) 11.12.2003 fl-ismijiet ***Anthony Catania v. Maria Agius***.

*persuna li qal li kienet tagħmel xogħol ta' manutenzjoni fid-dar ta' Nicolina iżda din il-persuna qatt ma ttellgħet biex tixhed.*

*(3) Il-konvenuti xehdu li qatt ma raw lill-konvenuta ġewwa l-isptar San Vincenz de Paule. B'danakollu, il-preżenza kontinwa tagħha hija kkonfermata mill-ħaddiema tal-istess sptar: Carmen Spiteri, George Saliba, u Joseph Grixti.*

*(4) Kemm Natalizia Sammut kif ukoll Evelyn Arrigo Azzopardi osservaw kemm l-attriċi kienet tixbaħ lil Nicolina Muscat. Dan jikkorrobora dak li jistqarru l-atturi li Nicolina kienet l-omm bijoloġika tal-attriċi (s'intendi limitatament għall-finijiet ta' din il-kawża), li ħbiet it-twelid tagħha qabel iżżewġet li xi ħadd li ma kienx missierha, u li kienet toqgħod attenta li l-attriċi (bintha barra miż-żwieġ) u żewġha ma jkollhomx kuntatt mal-konvenuti (uliedha waqt iż-żwieġ) biex dawn ma jsirux jafu bl-eżistenza tal-attriċi billi din fil-mentalità ta' Nicolina kienet sors ta' skandlu u ta' mistħija. Il-parentela ta' omm u bint tispjega wkoll l-assidwità li biha l-attriċi kienet tieħu ħsieb lil Nicolina;*

***Likwidazzjoni tas-serviġi***

*Illi a fol. 105, l-atturi ppreżentaw prospett tas-serviġi u spejjeż li għamlu:*

*1. Żewġ visti fil-ġimgħa mill-attriċi għal 16-il sena fid-dar tagħha; b'kollox 1663 bil-ewro 23.39 (rata ta' ġurnata xogħol). Total: 38,754*

*2. Vista fil-ġimgħa għal 5 snin fir-residenza tax-xjuħ. Total: madwar 260 vista bir-rata ta' ewro 30 (rata ta' ġurnata xogħol). Total:7,800*

*3. Xogħol mill-attur fid-dar ta' Nicolina: 5823 6*

*4. Ikel 16-il sena (meta Nicolina kienet id-dar) bir-rata ta' 11.64 fil-ġimgħa = 9,690*

*5. Ikel 5 snin (meta Nicolina kienet l-isptar) bir-rata ta' 5 fil-ġimgħa = 1,300*

*6. Xiri ta' oġġetti (meta Nicolina kienet l-isptar) 200*

*7. Spejjeż ta' ħasil ta' ħwejjeġ darba kull 3 ġimgħat bir-rata ta' 5 Total: 300*

*8. Diesel darba fil-ġimgħa għal 5 snin (meta Nicolina kienet l-isptar) bir-rata ta' ewro 5. Total: 1,300;*

*Illi huwa dibattut fid-duttrina x'inhi sewwasew in-natura ġuridika tal-istitut tas-serviġi; huwiex obbligazzjoni ex lege (abbażi tal-prinċipju li min jagħti servizz jixraqlu kumpens) inkella huwiex kważi kuntratt, u*

*jekk inhu hekk, huwiex wieħed mill-kważi kuntratti stabbiliti mil-liġi inkella hux kategorija oħra ta' kważi-kuntratt. L-eqreb istitut tal-kważi-kuntratt għas-serviġi huwa ċertament dak tal-arrikkiment inġust. L-Onorabbli Qorti tal-Appell, in re:* ***Delicata v. Saliba*** *22.05.1989 qalet li l-istitut huwa bbażat fuq il-kważi-kuntratt;*

*Illi l-ġurisprudenza tagħna stabbilit il-linji gwida għandhom ikunu segwiti fil-kalkolu tal-kumpens relattiv:*

*1) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi;*

*2) il-mezzi tal-persuna li tibbenifika mill-prestazzjonijiet;*

*3) il-parentela tal-atturi mad-de cuius;*

*4) l-isforzi aġġuntivi li taw is-servjenti biex jaqdu lid-de cuius;*

*5) in-natura tal-prestazzjonijiet u ċjoè jekk kinux ordinarji jew straordinarji;*

*6) jekk is-servjenti inkorrewx spejjeż li tagħhom ma ġewx rimborżati*[2]*.*

*Illi din il-Qorti, diversament ippreseduta, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Anthony Catania noe v. Maria Agius***[3] *qalet hekk: "Minn studju tal-ġurisprudenza lokali, wieħed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jingħataw kważi dejjem minħabba raġunjiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke għaliex it-talba għall-ħlas ta' serviġi, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Delicata v. Saliba****, deċiża fit-22 ta' Mejju1989, hi bażata fuq kważi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nħoloq bejn min jirrendi s-serviġi u l-benefiċċjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-serviġi, iżda għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni diversi fatturi oħra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-serviġi reżi u l-ħlas relattiv.*

"*Dan qed jingħad għax, bħala regola ġenerali, il-kumpens m'għandux ikun baxx meta l-benefiċċjarju jkun marid jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bżonn assistenza personali u kontinwa" (ara -* ***Zammit et v. Farrugia Sacco noe*** *deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju 1982 u* ***Buhagiar noe v. Mifsud noe****, deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 1983)";*

*Illi mir-riċerki fir-Registru Pubbliku esibiti*[4] *jirriżulta li Nicolina Muscat kellha għadd ta' proprjetà immobbli ta' ċertu valur;*

---

[2] Ara ***Vassallo v. Aquilina*** – Prim Awla tal-Qorti Ċivili - 29 ta' Ġunju, 1982, ***Cutajar v. Vella*** – Prim Awla tal-Qorti Ċivili - 6 ta' April, 1982, u ***Buhagiar v. Mifsud*** – Prim Awla tal-Qorti Ċivili - 1 ta' Frar, 1983.

[3] Deċiża mill-Onor. Imħallef Tonio Mallia fil-11 ta' Diċembru 2003.

[4] *Fol* 113 sa *fol* 145.

*Illi rigward partita numru (1), fl-affidavit tagħha l-attriċi qalet li kienet tmur għand Nicolina "minn darba sa darbtejn fil-ġimgħa". U kienet tqatta' ġurnata magħha*[5]*. Għalhekk ma jirriżultax li kienet tmur dejjem darbtejn fil-ġimgħa. Il-Qorti għalhekk sejra arbitrio boni viri takkordalha €25,000;*

*Illi rigward partita numru (2) tgħid li kienet tqatta' nofs ta' nhar ħdejn Nicolina. Għalhekk il-Qorti sejra takkordalha €3900;*

*Illi rigward partita numru (3) l-Qorti tħoss li jkun iktar raġonevoli s-somma ta' €4,000;*

*Illi rigward partita numru (4) l-Qorti tikkalkula kull ikla bir-rata ta' €8 = €6,656;*

*Illi rigward partita numru (5) ir-rata qed tiġi stabbilita bl-€4 = €8240;*

*Illi rigward partiti numru (6) sa (8) minflok €1800 = €1000;*

*Għalhekk il-Qorti tillikwida s-serviġi fis-somma ta' 48,796.»*

8. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fis-27 ta' Mejju, 2019, bl-aggravji jkunu: (i) li l-Ewwel Qorti wettqet għarbiel ħażin tal-provi; (ii) li l-Ewwel Qorti m'għamlitx sew meta ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom li t-talbiet attriċi huma f'parti minnhom preskritti abbażi tal-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**; u (iii) li huma ma jaqblux mas-somma li ġiet likwidata mill-Ewwel Qorti favur l-atturi.

9. L-atturi wieġbu permezz ta' risposta fis-26 ta' Ġunju, 2019, u taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Inżamm smigħ fis-7 ta' Diċembru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża

[5] Para 5, affidavit tal-attriċi a *fol* 29.

tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Din hija azzjoni għal ħlas ta' serviġi.

12. Illi l-azzjoni bħal dik imressqa mill-atturi appellati ma tinbeniex biss fuq il-kważi-kuntratt. Azzjoni bħal dik treġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel (ara, pereżempju, sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Lulju, 1984 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar v. Lawrence Seychell*** (mhix pubblikata)). Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *iure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio iudicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu (ara s-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ottubru, 1935 fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud v. Briffa nomine*** (**Kollez. Vol: XXIX.ii.664**) u dik tat-13 ta' Frar, 2001 fil-kawża fl-ismijiet ***George Sciberras et v. Josephine Spiteri et***) jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu (ara s-sentenza tal-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ottubru, 1954 fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun v. Poggi et*** (**Kollez. Vol: XXXVIII.ii.568**) u dik tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Mejju, 1989 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Delicata et v. Anthony Saliba pro et noe*** (mhix pubblikata)).

13. Miżmum dan, din il-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**ewwel aggravju** tal-konvenuti appellanti. Huma jgħidu li l-Ewwel Qorti wettqet għarbiel ħażin tal-provi, billi fil-fehma tagħhom l-atturi ma ppruvawx sal-grad meħtieġ bil-liġi l-pretensjonijiet tagħhom. Jissoktaw jgħidu li hemm ħafna kontradizzjonijiet fil-provi mressqa: (i) filwaqt li fir-rikors maħluf l-atturi jgħidu li huma pprestaw serviġi lil Nicolina Muscat għal 21 sena, fil-prospett ippreżentat minnhom dan kien ikopri biss 16-il sena; (ii) għalkemm l-attriċi xehdet li hija kienet tmur darba jew darbtejn fil-ġimgħa għand Nicolina Muscat, ħadd mill-konvenuti li kienu jmorru għand zijithom regolarment qatt ma ltaqgħu magħha u sabha fir-residenza taz-zija tagħhom; (iii) irriżulta li għalkemm Nicolina Muscat kienet tgħix waħedha u tilfet id-dawl ta' għajnejha iżda mhux għalkollox, hija kienet indipendenti, u parti kbira tan-nofstanhari kienet tqattagħhom fiċ-Ċentru tal-għomja, Santa Venera u anke kienet membru attiv fil-kumitat tal-istess ċentru; (iv) Muscat kienet ħatret lin-neputija Carmen Vella bħala l-prokuratur tagħha sabiex taqdiha fi ħwejjeġ amministrattivi; (v) li Muscat kellha għajnuna minn persuna li kienet qdietha għal madwar 15-il sena qabel daħlet fl-isptar San Vinċenz; (vi) filwaqt li huwa minnu li kienet qabbdet xi nies biex

isiru xi xogħlijiet fid-dar, dawn kienu jsiru minn bosta nies u hija kienet tħallas mill-ewwel. Saħansitra kienet applikat għand il-Malta Community Chest Fund bil-għan li tirkupra l-ispejjeż tax-xogħlijiet fid-dar li kienet tagħmel inkluż għall-ispejjeż tal-bieb tal-aluminju u l-poġġaman; (vii) l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx ix-xhieda indipendenti ta' Evelyn Arrigo Azzopardi u Waldemar Beck, li qalu li huma ma kinux jafu bl-attriċi matul ħajjet il-mejta u saru jafu biha meta kellmithom f'Ottubru, 2013 biex jagħmlu dikjarazzjoni maħlufa; (viii) l-impjegati mir-residenza San Vinċenz de Paul ma semmewx li semgħu lil Muscat tagħmel xi wegħda dwar serviġi; (ix) meta kienet f'San Vinċenz de Paul kellha min jieħu ħsiebha, jitmagħha u jieħdu ħsieb l-indafa tagħha u barra minn hekk kellha wkoll lin-neputijiet tagħha jieħdu ħsiebha tant li ħatrithom werrieta universali; (x) l-istqarrija tal-atturi li hija kienet wegħdiethom ħlas għal xi serviġi wisq anqas li aċċettat jew irrikonoxxiet li hija debitriċi għal serviġi. Fuq kollox jgħidu li l-attriċi fil-bidu ppruvat titlob is-sehem riżervat iżda minħabba raġunijiet legali ma kellhiex dritt għaliha mingħand il-werrieta ta' Nicolina Muscat u minflok ressqet din l-azzjoni.

14. Illi l-atturi jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li għalkemm l-appellanti jgħidu li x-xogħol li sar minnhom fir-residenza ta' Nicolina Muscat dejjem sar minn persuna oħra, l-ebda persuna ma tressqet bħala xhud. Jissoktaw jgħidu li Nicolina Muscat ma riedet lil ħadd ikun jaf li kellha wild barra miż-żwieġ tant li ftiehmet mal-appellata biex il-kuntatt ta'

bejniethom isir fi ġranet maqbula bejniethom u dan kemm meta kienet tgħix ġewwa r-residenza tagħha kif ukoll meta daħlet ġewwa San Vinċenz de Paul. Jgħidu li mill-provi rriżulta li l-appellata kienet iżżur lil Nicolina Muscat regolarment u ma kinitx tidħol idha f'idha. Jissoktaw jgħidu li mill-provi mressqa minnhom jirriżulta li huma dejjem taw is-servizz tagħhom għal dak li kienet titlobhom Muscat, li min-naħa tagħha kienet tgħidilhom li ma kellhiex biex tħallashom, u li għal kull ma għamlu magħha kienet se tħallashom 'il quddiem. Jisħqu li huma mhux biss wettqu serviġi, iżda saħansitra ħarġu flus minn buthom biex jaqduha fil-bżonnijiet tagħha.

15. Din il-Qorti fliet il-provi mill-ġdid kif inhu d-dmir tagħha li tagħmel.

16. Illi mill-provi jirriżulta li l-atturi qegħdin isostnu li wettqu dawn is-serviġi billi: (i) jgħidu li Nicolina Muscat kienet iċċemplilha spiss u kienet mara eżiġenti; (ii) bejn darba darbtejn fil-ġimgħa l-attriċi kienet tmur għand Nicolina Muscat fir-residenza tagħha u kienet tippreparalha l-ikel mid-dar; (iii) kienet iżżommilha kumpanija, tiżbarazza u tieħu ħsieb id-dar inkluż tindif; (iv) xogħol ta' manutenzjoni kien isir mill-attur Joseph Pace; (v) wara li Muscat waqgħet u kisret il-*hip bone* għamlet diversi xhur l-Isptar St Luke's biex imbagħad ġiet trasferita San Vinċenz de Paul, bdiet iżżurha darba fil-ġimgħa kull nhar ta' Tnejn u meta kienet tmur kienet tixtrilha xi ħaġa tajba tal-ħelu. Apparti li xtratilha xi bżonnijiet tagħha. L-attriċi tgħid li biex tmur iżżurha kienet tieħu kedda għaliex kellhom biss

karozza waħda u b'hekk kienet taħli ħafna fjuwil. Fl-aħħar tliet ġimgħat qabel ma ġiet nieqsa kienet tmur taraha kuljum. L-attriċi tgħid li hija bint Nicolina Muscat għalkemm trabbiet ma' familja Għawdxija u li Muscat ma riditx turi li kellha wild barra miż-żwieġ u kien għalhekk li n-neputijiet tagħha ma kienux jiltaqgħu magħha. L-atturi jgħidu wkoll li Muscat kienet wegħdiethom li se tħallashom wara mewtha.

17. Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis dwar jekk huwiex minnu li l-atturi qdew lil Nicolina Muscat. F'dan il-każ, bħalma wieħed jistenna f'kawżi ta' din l-għamla, titressaq xhieda li jallegaw li ma kienx hemm ftehim iżda dan mhux ta' xkiel għal sejbien ta' responsabblità għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Mejju, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri et v. Aldo Busuttil*** u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Ottubru, 2013 fil-kawża fl-ismijiet ***Margaret Grima v. Vincenza Borg***)).

18. Jingħad f'każ bħal dan li: *«l-kunflitti fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi*

*lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant»* (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 Novembru, 1966 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia***). Jiġi osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet li ma jaqblux għalkollox ma' xulxin u li jkunu plawsibbli jew possibbli t-tnejn, dan għandu jmur favur il-parti mħarrka bit-tħaddim tal-prinċipju li, *«onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat»* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) deċiża fit-22 ta' Novembru, 2002 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Camilleri v. Maurice Cauchi et***). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fl-att li bih iressaq il-kawża. Mill-banda l-oħra, madankollu, il-grad ta' prova mistenni fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tistenna li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli, huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din ċ-ċertezza morali f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' April, 2017 fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Briffa v. Consiglia Abela***).

19. Mill-provi jirriżulta li:

- Nicolina Muscat baqgħet xebba. Hija mietet fit-3 ta' Diċembru, 2012.

- L-attriċi tgħid li hija l-wild tagħha barra miż-żwieġ (fl-atti ma nsibux li din l-affermazzjoni hija ppruvata) u li ltaqgħet ma' Muscat meta kellha 26 sena ċjoè fis-sena 1989.

- Il-konvenuti huma n-neputijiet ta' Nicolina Muscat.

- Nicolina Muscat kienet tilfet id-dawl ta' għajnejha però kienet persuna attiva u għal ħafna żmien kienet indipendenti. Kienet tattendi ċ-ċentru tal-Għaqda Persuni Neqsin mid-Dawl u kienet anke fil-kumitat ta' din l-Għaqda.

- Jirriżulta li Muscat ħatret lil Carmen Vella bħala prokuratur tagħha.

- Fis-sena 2007, Muscat waqgħet u kisret il-*hip bone* u kellha tiddaħħal ġewwa San Vinċenz de Paul billi ma kinitx ta' waħedha.

- L-aħħar testment ta' Nicolina Muscat jġib id-data tal-20 ta' April, 2007 li permezz tiegħu nnominat lin-neputijiet tagħha bħala eredi universali, u ħalliet legat u prelegat. L-atturi ma jissemmew imkien.

20. Illi mill-provi rriżulta li fuq naħa l-atturi jixhdu dwar is-serviġi li wettqu

favur Nicolina Muscat kif fuq imsemmi. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenuti ċjoè Nicholas Muscat u Carmen Vella jgħidu li Nicolina Muscat kienet pjuttost indipendenti u baqgħet f'sensiha sal-aħħar żmien ta' ħajjitha. Kienu huma li jaħsbu għal bżonnijiet tagħha, b'Carmen Vella prokuratur tagħha u taqralha l-ittri, kif ukoll taħslilha l-ħwejjeġ u taqdiha fil-bżonnijiet tagħha. Nicholas Muscat kien jgħin anke fil-manutenzjoni tad-dar. Il-konvenuti jgħidu li kienu jitqassmu biex imorru jarawha lil zijithom u li huma qatt ma raw lill-atturi.

21. Din il-Qorti bit-tħaddim tal-ġurisprudenza fuq imsemmija, tqis li l-atturi wettqu serviġi favur Nicolina Muscat u b'hekk ma jistax jingħad li l-għarbiel tal-provi li wettqet l-Ewwel Qorti sar ħażin . Dan il-konvinċiment ġej mix-xhieda indipendenti tal-istaff f'San Vinċenz li kkonfermaw li kienu jaraw lill-attriċi żżur lil Nicolina Muscat spiss u li kienet tieħu magħha affarijiet. Ix-xhud Carmen Schembri tgħid li Nicolina Muscat kienet tgħid li l-attriċi kienet ħabiba tal-qalb kbira tagħha (ara paġna 50 tal-proċess). Tixhed ukoll li l-attriċi kienet iċċempel biex tistaqsi għal Muscat speċjalment meta kienet tkun ma tiflaħx, u ġieli kienet titmagħha hija u kkonfermat li kienet tixtrilha affarijiet u ikel.

22. Il-Qorti m'għandhiex dubju li l-attriċi kienet tmur iżżur lil Nicolina Muscat anke fir-residenza tagħha u ma teskludix li kienet tgħinha xi ftit anke fid-dar imma, fil-fehma tal-Qorti, l-aktar li kienet huwa li żżommilha

kumpanija. Irriżulta wkoll li Muscat għalkemm kellha l-limitazzjonijiet tagħha kienet indipendenti wkoll. Barra minn hekk, irriżulta li Muscat kellha għajnuna permezz ta' Natalizia Sammut għal dak li huwa tindif tad-dar. Lanqas ma teskludi li f'xi okkażjonijiet l-attur medd idejh għal dik li hija manutenzjoni tad-dar.

23. Għalhekk din il-Qorti tqis li l-atturi rnexxilhom jippruvaw li huma taw serviġi lill-attriċi għalkemm mhux fl-assidwità li jsemmu huma. Dan billi kif fuq imfisser Muscat ma kinitx mixħuta fis-sodda u meta ġiet f'dak l-istat għaliex ma kinitx aktar ta' waħedha ddaħħlet f'San Vinċenz. Però żgur huwa li meta Muscat kienet residenti fl-Isptar San Vinċenz kienet tmur taraha regolarment u tagħti każ il-bżonnijiet tal-anzjana. Fuq kollox, għalkemm il-konvenuti jgħidu li huma qatt ma raw lill-atturi ma jfissirx neċessarjament li dawn tal-aħħar qatt ma kienu jmorru għand Nicolina Muscat biex jarawha. Ħadd mill-konvenuti ma kien joqgħod ma' zithom u ma jirriżultax li huma jew xi ħadd minnhom kien imur kuljum id-dar taz-zija fir-residenza tagħha jew meta kienet fl-Isptar San Vinċenz.

24. Għalhekk dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

25. Ngħaddu issa għat-**<u>tieni aggravju</u>** tal-appellanti, li permezz tiegħu jgħidu li ma jaqblu xejn mar-raġunament tal-Ewwel Qorti meta ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom li parti mit-talbiet attriċi huma preskritti. Jgħidu li

Nicolina Muscat mietet nhar it-3 ta' Diċembru, 2012 u l-ittra uffiċjali mill-atturi ġiet ippreżentata nhar id-9 ta' April, 2014, liema ittra ma ġietx notifikata lil kulħadd. Ir-rikors maħluf ġie preżentat fit-2 ta' Ġunju, 2014. Qatt ma kien hemm rikonoxximent min-naħa ta' Nicolina Muscat u filwaqt li jsostnu li l-allegati servizzi m'huma xejn ħlief fabbrikazzjoni tal-atturi biex tieħu flejjes mingħand il-werrieta, jekk hemm xi kumpens dovut dan kellu jkun mill-aħħar tliet snin sad-data tal-mewt ta' Muscat.

26. L-atturi appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jsostnu li l-Ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni minħabba ammissjoni tal-appellanti dwar is-serviġi mogħtija u l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni bil-wegħda tal-istess Nicolina Muscat li kienet se tikkumpensaha. Hija qaltilha bosta drabi u b'hekk jiġi li kull darba li kien hemm din il-wegħda ta' kumpens il-preskrizzjoni ġiet interrotta u bdiet miexja mill-ġdid.

27. Hekk kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Marzu, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Brincat et v. Dr Renzo Porsella Flores et nomine***, f'materja ta' talbiet għal kumpens ta' għoti ta' serviġi r-regola hi li ż-żmien preskrittiv huwa ta' ħames snin (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Ġunju, 1948 fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana v. Scicluna et*** (Kollez. Vol: XXXIII.i.285)). Dan jgħodd ukoll minkejja li s-serviġi jkunu baqgħu jingħataw tul medda ta' żmien (**Artikolu 2151(1) tal-Kodiċi Ċivili**). Iżda dik il-preskrizzjoni tinkiser b'kull mod magħruf mil-liġi bħala

raġuni li twaqqaf iż-żmien tal-preskrizzjoni, kemm jekk b'att ġudizzjarju u kif ukoll bl-għarfien tal-obbligazzjoni min-naħa tal-persuna megħjuna (ara, pereżempju, is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' Mejju, 1946 fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb v. Sacco et nomine*** (**Kollez. Vol: XXXII.ii.342**)). Madankollu, wieħed irid jiddistingwi bejn l-għarfien bħala stqarrija espressa tal-obbligazzjoni, mill-fatt tal-aċċettazzjoni tas-servizz mogħtija lill-persuna li tkun. Il-Qorti fissret li jekk min irċieva s-servizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal il-preskrizzjoni tal-pretensjoni għall-ħlas magħmula minn min ikun ta s-servizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xi ħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur, dak il-legat għandu s-saħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Ottubru, 2002 fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Coleiro v. Francesca Saveria Balzan et*** (mhix pubblikata)). Iżda fejn l-għarfien ma jkunx sar b'att pubbliku, il-kwistjoni tieħu xejra oħra. L-għarfien mhux bilfors iseħħ b'kitba f'dan is-sens, iżda jista' jsir bil-fomm (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Settembru, 1994 fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et v. Borg nomine et*** (**Kollez. Vol: LXXVIII.ii.260**), u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ottubru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et v. Gauci et*** (**Kollez. Vol: LXXXI.iii.217** fost bosta oħrajn), għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti

Ċivili tas-17 ta' Marzu, 2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Lourdes Brincat v. Giuseppe Brincat et*** (mhix appellata)).

28. Illi madankollu f'dan ir-rigward il-fatt waħdu li l-persuna debitriċi tal-obbligazzjoni tkun baqgħet taċċetta l-qadi li jkun sar magħha mhux dejjem jissarraf fl-għarfien tal-obbligazzjoni tagħha lejn min ikun qiegħed jaqdiha. Kemm hu hekk qamet matul is-snin il-kwistjoni jekk kemm-il darba dik l-aċċettazzjoni twaqqax il-preskrizzjoni dwar serviġi li jkunu ngħataw fi żmien ta' qabel (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Jannar, 1955 fil-kawża fl-ismijiet ***Pace et v. Agius nomine*** (Kollez. Vol: XXXIX.ii.515)). Jidher li x-xejra preponderanti tad-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward hi fis-sens li dik l-aċċettazzjoni ma żżommx ħajja l-pretensjonijiet ta' kumpens dwar serviġi li jkunu saru fi żmien aktar qabel minn ħames snin. Għalhekk, f'dak il-każ, iż-żmien li jrid jitqies għall-ħlas tal-kumpens irid ikun l-aħħar ħames snin qabel ma dak il-qadi jkun intemm (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tas-26 ta' Settembru, 2007 fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanna Hili v. Emanuel Cardona et*** (mhix appellata)). Meta l-persuna li magħha saru s-serviġi tkun hekk baqgħet tingħata s-serviġi sa ma mietet, dak iż-żmien jitkejjel minn ħames snin qabel il-mewt tagħha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' April, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***George Sciberras et v. Josephine mart Leonard Spiteri et***).

29. Kif diġà ngħad, Nicolina Muscat mietet fit-3 ta' Diċembru, 2012. Intbagħtet ittra uffiċjali mill-atturi lill-konvenuti nhar id-9 ta' April, 2014 (ara paġna 19 tal-proċess). Jirriżulta li kuntrarjament[6] għal dak li ntqal mill-appellanti l-konvenuti kollha ġew notifikati b'din l-ittra uffiċjali bejn il-11 ta' April, 2014 sal-14 ta' April, 2014 (ara d-dahar ta' paġna 19 tal-proċess). Permezz ta' din l-ittra uffiċjali, l-atturi talbu s-somma ta' €54,740 bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv. Ir-rikors maħluf ġie ppreżentat nhar it-2 ta' Ġunju, 2014.

30. Illi l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla abbażi tal-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** għaliex: (i) l-ewwel eċċezzjoni u t-tielet eċċezzjoni ta' ħlas mhux kompatibbli ma' xulxin allavolja t-tielet eċċezzjoni tressqet bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħra; u (ii) Nicolina Muscat innifisha kienet twiegħed lill-atturi li kienet se tikkumpenshom wara mewtha. Diskors li baqgħet tgħidu sa mewtha.

31. Għal dik li hija l-ewwel raġuni, din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni. Dan għaliex meta konvenut jeċċepixxi l-ħlas, fl-aħħar mill-aħħar ikun qiegħed jgħid fi kliem ieħor li l-azzjoni hija estinta. Din il-fehma hija msaħħa mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Marzu, 2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmlu Limited v. Joseph Cachia,*** meta fissret li:

[6] Carmen Vella tixhed li ma kinitx irċeviet l-ittra uffiċjali għaliex l-indirizz kien ħażin, iżda ma ressqitx prova tas-suppost indirizz tagħha.

> *«Jeżistu ċirkostanzi wkoll fejn il-preskrizzjoni eċċepita tista' titqies rinunzjata, bħal f'dawk il-każijiet fejn id-debitur jadotta linja ta' difiża li tpoġġih fi stat, li tirrendi inkompatibbli l-posizzjoni ġuridika tiegħu mal-eċċezzjoni mogħtija minnu tal-preskrizzjoni. Eżempji ta' dan il-każ huwa fejn id-debitur jikkontesta l-pretensjonijiet attriċi bħala esaġerati u kwindi jressaq argumenti dwar l-allegat bilanċ dovut, jew fejn apparti l-preskrizzjoni jeċċepixxi wkoll il-kompensazzjoni. Tali eċċezzjonijiet jimportaw rikonoxximent tad-dejn u tali rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, kif ukoll rinunzja għall-preskrizzjoni li tkun laħqet għaddiet. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Diċembru 1901 fil-kawża fl-ismijiet* ***Farruġia v. Petrini****, tissejjah "l'abdicazione di un diritto.»*

32. Fl-istess sentenza fl-ismijiet ***Carmlu Limited v. Joseph Cachia***, il-Qorti tal-Appell tenniet li:

> *«Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ġunju, 2009, fil-kawża fl-ismijiet* ***Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri*** *ngħad:*
>
> > *«Fil-kawża* ***Vella v. Cefai nomine****, deċiża minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2001, intqal li filwaqt illi l-eċċezzjoni tal-pagament ma kinitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, ġie minn dejjem sostnut illli hija inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dik ta' ineżistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni. Fl-istess sens hija s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***Vella v. Moby Rentals Ltd****. Anke jekk, it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà kjamata in kawża tinqara fis-sens li t-talba tal-attur hi esaġerata (għax għad-danni li sofra ġa ngħata rimedju), tali eċċezzjoni twaqqa' dik ta' preskrizzjoni kif ingħad minn din il-Qorti fil-kawża* ***Aluminium Ltd. v. Earli Ltd****., deċiża fis-16 ta' Frar, 2004."*

33. L-eċċezzjoni tal-pagament, fiha nnifisha mhix inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, sakemm ma tirriżultax prova li l-ħlas ikun sar biss akkont tad-debitu, li jikkostitwixxi għarfien tad-dejn u dan l-att fih innifsu jservi ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2016, fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Gatt et v. Joseph Schembri et***:

> *«Kif però qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Vella v. Moby Rentals Ltd*** *(22 ta' Novembru 2001) «L-eċċezzjoni tal-pagament mhix inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni.*

> *Hija inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, dik tal-ineżistenza assoluta tal-kreditu jew tal-kompensazzjoni« (Volum XXX.i.964).»*

34. Għaldaqstant imwarrba l-ewwel bażi tar-raġunament tal-Ewwel Qorti li wassalha biex tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, se tistħarreġ ir-raġuni l-oħra ċjoè l-wegħdiet ta' Nicolina Muscat. Illi din il-Qorti però ma tqisx li dawn l-allegati wegħdiet ġew ippruvati fuq bażi ta' probabbiltà. Huwa komdu għall-atturi li jsostnu dan ġaladarba Nicolina Muscat mietet. Is-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti li kieku kien hemm xi dikjarazzjoni bil-miktub, jew f'testment jew altrimenti tressaq xhud li sema' lil Muscat twiegħed kumpens lill-atturi. Iżda tali provi ma tressqux.

35. Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** għandha tintlaqa'. Jiġi b'hekk li ladarba l-ittra uffiċjali ġiet ippreżentata biss f'April, 2014 u n-notifika lill-konvenuti saret fl-istess xahar, u ladarba Muscat mietet fit-3 ta' Diċembru, 2012 jiġi li l-atturi għandhom jedd għas-serviġi reżi min-nofs April, 2009 sad-data tal-mewt tagħha.

36. Dan l-aggravju għalhekk huwa mistħoqq.

37. It-**<u>tielet u l-aħħar aggravju</u>** tal-konvenuti appellanti huwa dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens. S'intendi ladarba din il-Qorti laqgħet l-aggravju tal-preskrizzjoni se jkollha tnaqqas l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti

għaż-żmien li ma kienx waqa' bil-preskrizzjoni. Jiġi b'hekk li din il-Qorti se tħares għall-aħħar tliet snin u nofs ta' ħajjet Nicolina Muscat. F'dan il-perjodu Muscat kienet residenti ġewwa San Vinċenz de Paul.

38. L-Ewwel Qorti llikwidat l-ammont ta' €48,796 bħala kumpens għal serviġi. Barra mill-fatt, li l-Ewwel Qorti qieset is-serviġi fuq perjodu li kien ikopri sittax-il sena u billi din il-Qorti qieset li l-azzjoni hija f'parti minnha preskritta, isegwi li l-ammont bilfors irid jonqos b'mod sostanzjali. Iżda barra minn hekk, il-Qorti tosserva li anke għal dak li jirrigwarda l-perjodu li rridu nħarsu lejh, filwaqt li l-Ewwel Qorti ma qagħditx fuq ir-rati msemmija fil-prospett ippreżentat mill-atturi, xorta waħda kienet ġeneruża żżejjed meta jitqies in-natura ta' serviġi li ngħataw f'dawn is-snin kif fuq imfisser.

39. Illi huwa stabbilit li l-Qrati tagħna jillikwidaw kumpens ftit imdaqqas meta l-benefiċċjarju jkun totalment dipendenti fuq persuna oħra. Bit-tħaddim tal-kriterji mfassla minn din il-Qorti, il-Qorti qiegħda tqis il-grad ta' qrubija bejn l-attriċi u dak li gawda mis-serviġi, il-livell ta' impenn involut, is-siwi u l-ħtieġa tas-serviġi lill-persuna li lilha ngħataw, is-sagrifiċċju u ċ-ċaħdiet li l-għoti tas-serviġi kien jitlob mill-mod tal-ħajja ta' min jagħtihom, il-mezzi li kellu l-persuna mgħejjuna, il-fatt li l-infieq kien jinħareġ ukoll mill-persuna li lilu saru s-serviġi u t-tul ta' żmien li damu jingħataw (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu,

2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Angelo Zerafa et v. Michelina Azzopardi;*** kif ukoll, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża ***Mary Rose Camilleri v. Joseph Camilleri***).

40. Għal dak li jirrigwarda l-kwalità tas-serviġi li l-atturi jippretendu ħlas dwarhom, ma jidhirx li kienu servizzi li joħorġu lill-atturi wisq barra mill-ħajja normali tagħhom jew li kienu skabrużi jew ġabu wisq tbatija. Il-Qorti qiegħda tqis: (i) li l-attriċi stess tgħid li kienet tmur tara lil Nicolina Muscat darba f'ġimgħa u fl-aħħar tliet ġimgħat qabel ġiet nieqsa tgħid li marret kuljum; (ii) li kienet tieħu magħha xi ikel u anke ġieli xtratilha xi affarijiet ta' bżonn għalkemm ebda rċevuti ma ġew esibiti; (iii) kienet iddum tul ta' ħin ħdejha; (iv) li l-ħin huwa prezzjuż għal kulħadd partikolarment meta l-attriċi għandha wkoll il-familja tagħha; (iv) l-ispejjeż tal-fjuwil; (v) ħasil ta' ħwejjeġ darba kull tlieta/erba' ġimgħat; (vi) min-naħa l-oħra, għalkemm ġew preżentati r-riċerki tal-immobbli m'hemmx indikazzjoni ta' valuri u lanqas ġew preżentati xi kontijiet bankarji u għalhekk ma jistax jingħad mill-provi li Nicolina Muscat kienet benestanta; u (vii) ladarba Nicolina Muscat kienet tgħix ġewwa San Vinċenz kellha l-infermiera, *carers* u professjonisti oħra li jieħdu ħsieb il-bżonnijiet ta' kuljum tagħha, apparti n-neputijiet l-oħra tagħha li wkoll kienu jżuruha.

41. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li kumpens ġust għas-serviġi meqjusin kollha flimkien għandu jkun ta' €25 fil-ġimgħa, ħlief għall-aħħar tliet

ġimgħat meta l-attriċi kienet tmur kuljum u ma tressqitx prova kuntrarja għal din id-dikjarazzjoni. Għal dawn l-aħħar tliet ġimgħat l-attriċi se tingħata €125 għal kull ġimgħa.

42. B'hekk meqjus dan kollu l-ammont li qiegħed jiġi likwidat favur l-atturi *arbitrio boni viri* huwa ta' €5,025 (186 ġimgħa x €25 (€4,650) + 3 ġimgħat x €125 (€375)).

43. Għalhekk dan l-aggravju se jintlaqa' f'parti minnu.

44. Fl-aħħar nett jingħad li għal dak li huwa mgħax, l-atturi kienu talbu fir-rikors maħluf li dan għandu jitlaq mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-imgħax kellu jitlaq mid-data tas-sentenza tagħha sal-ħlas effettiv. Billi ma tressaq l-ebda aggravju dwar minn meta l-imgħax għandu jitlaq min-naħa tal-atturi, l-imgħax se jitlaq mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti sal-ħlas effettiv.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **<u>tilqa' f'parti</u>** minnu l-appell tal-konvenuti billi: (i) tiċħad l-ewwel aggravju; (ii) tilqa' t-tieni aggravju u b'hekk tħassar is-sentenza appellata sa fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-istess konvenuti u minflok tilqa' l-istess eċċezzjoni u

tiddikjara li l-azzjoni attriċi hija preskritta f'parti minnha; (iii) tilqa' f'parti t-tielet aggravju u għaldaqstant tħassar is-sentenza appellata sa fejn illikwidat l-ammont ta' tmienja u erbgħin elf, seba' mija u sitta u disgħin ewro (€48,796) u minflok tillikwida l-kumpens fl-ammont ta' ħamest elef u ħamsa u għoxrin ewro (€5,025) u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ta' ħamest elef u ħamsa u għoxrin ewro (€5,025) bl-imgħax legali jitlaq mid-data tas-sentenza appellata sal-ħlas effettiv; u (iv) tikkonferma mill-bqija s-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi minħabba li ma sarx aggravju speċifiku, filwaqt li dawk tal-appell jinqasmu f'sehem ta' tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-appellati u f'sehem ta' kwart ($^{1}/_{4}$) mill-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
da